MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 905/1989/1

**Onorato Bugeja**

**Vs**

**Dennis Agius**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fis-7 ta' Mejju 1989, fis-1:30 ta' filghodu, waqt illi l-attur kien isuq il-karozza tieghu K-1946 minn Palm Street kantuniera ma' Triq Paola (Paola Square) f'Casal Paola, huwa gie milqut mill-karozza S-6070 misjuqa mill-konvenut;

Premess illi l-incident in kwistjoni gara b'tort tal-konvenuta li kien isuq bi traskuragni, imperizja, negligenza u naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku;

Premess illi l-incident gara f'salib it-toroq, fi triqat ta' mportanza ugwali u l-konvenut kien fuq in-naha tal-lemin u ghalhekk kellu jaghti d-dritta lill-attur, ara Dokument "A";

Premess illi biex sewwa l-hsarat li sofra fil-karozza tieghu b'rizultat ta' l-incident l-attur nefaq hames mija u sebghin lira maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm570.85,0) ara Dokumenti "B" u "C", oltre tlett liri maltin (Lm3) spejjez tar-Road Accident Report (Dokument D);

Premess illi l-konvenut interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadempjenti anke wara li giet servita lilu l-ittra ufficjali ta'l-14 ta' Lulju 1989;

Talbet ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li gara f'Casal Paola fis-7 ta' Mejju 1989 fis-1:30 a.m. waqt li l-konvenut kien qed isuq karozza numru S-6070 u dana dahal fil-karozza ta' l-attur nuimru K-1946 u kkangunalha diversi hsarat;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tlieta u sebghin lira maltija u hamsa u tmenin centezmu rapprezentanti s-somma li nefaq l-attur biex sewwa l-hsarat kawzati mill-konvenut fl-incident in kwistjoni u biex gab kopja tar-Road Accident Report;

Bl-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Lulju 1989 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minni indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tad-29 ta' Mejju 1991 li permezz tieghu gie nominat Dr. Joseph Refalo bhala perit gudizzjarju biex

ifittex u jirrelata dwar it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-30 ta’ April 1992 li permezz tieghu awtorizzat lill-konvenut jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident *de quo* u dan peress li tali kollizjoni grat minhabba negligenza u imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parte ta’ l-attur waqt li kien qed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni K-1946;

2. Illi ghalhekk l-esponenti ma kienx responsabbli ghad-danni allegati u di piu` l-istess danni kienu ghal kollox esagerati;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit gudizzjarju li tinsab esebita a fol. 43 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tad-19 ta’ April 1993;

Rat ukoll ir-relazzjoni addizzjonali ta’ l-istess perit gudizzjarju li tinsab a fol. 82 *et sequitur* tal-process u li giet minnu wkoll debitament konfermata fl-udjenza tat-8 ta’ April 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-Qorti ezaminat ir-relazzjoni peritali (fol. 82) u tqis li l-assunzjonijiet tal-perit legali huma validi u ma ghandhomx jigu leggerment skartati. Il-qofol tal-kwistjoni f'materja ta' kollizjonijiet jibqa' dejjem finalment x'kienet il-kawza determinanti tal-habta;

Qabel xejn il-fatti li jistghu jitqiesu l-aktar importanti huma dawn:-

I. L-iskizz (fol. 6) juri li skond it-topografija tal-lokalita` fejn sehh l-incident, it-toroq minn fejn kienu ghaddejjin rispettivament l-attur u l-konvenut ghandhom jitqiesu ta' importanza ugwali. Dan hu spjegat anke mill-fatt illi fiz-zewg toroq ghandek '*stop sign*' mahzuza fl-art;

II. Il-hin li fih sehh l-incident kien fis-siegha bikrija ta' filghodu tas-7 ta' Mejju 1989, u minn dak li gie rivelat ghal dik li hi lluminazzjoni jirrizulta li fl-inkrocju bejn iz-zewg toroq kien hemm bozza;

III. L-attur kien gej mid-direzzjoni ta' Palm Street u billi fuq in-naha xellugija tieghu kien hemm vettura wieqfa qed tnizzel xi nies huwa htieglu jaqla' l-barra. Huwa jghid li waqaf hdejn l-i*stop sign* qabel ma beda jaqla'. Jghid ukoll li fejn waqaf seta' jara fuq il-lemin tieghu l-i*stop sign* tat-triq minn fejn kien gej il-konvenut;

IV. L-istess attur jattribwixxi t-tort lill-konvenut billi skond hu dan ma waqafx fuq l-i*stop sign* tat-triq tieghu u baqa' gej x'hin hu kien ghadu qed jixref mit-triq tieghu. Infatti jghid li lill-vettura tal-konvenut ra biss mal-habta;

V. Minn naha tieghu l-konvenut jistqarr li huwa waqaf fuq l-i*stop sign*, osserva van transit qed tnizzel xi nies ftit l-isfel mill-i*stop sign* minn fejn gie l-attur. Meta ippunta biex johrog, l-attur gie minn wara l-van, baqa' hiereg u saret il-habta;

VI. Iz-zewg kontentendi cahdu li ma waqfux fuq l-i*stop sign* rispettiva taghhom;

Kif wiehed kien jistenna z-zewg sewwieqa jaghtu l-versjonijiet taghhom ta' kif sehh l-incident u t-tnejn jaddebitaw it-tort ghas-sinistru wiehed lill-iehor. Huwa kompitu ghalhekk ta' min irid jiggudika li kemm jista' jkun jikkreja d-dinamika ta' l-incident u jara jekk l-provi jiffavorixxux l-versjoni l-wahda jew l-ohra, jew ghandhomx iwiegbu t-tnejn ghal dak li ssuccieda;

Huwa sintomatiku mill-fattezzi tal-lokalita` illi z-zewg *drivers* kellhom l-obbligu li jieqfu wara l-linja ta' l-i*stop sign*. Dan bl-iskop li josservaw l-obbligu regolamentari impost fuqhom it-tnejn li jassikuraw li t-triq kienet libera. Dan apparti l-obbligu wkoll li ghandu jigi skrupolozament osservat dejjem li jzommu dik li tissejjah '*a reaonsable proper look-out*' liema obbligu jgib mieghu li sewwieq jara dak li hu ragjonevolment vizibbli. *Multo magis*, imbaghad fejn ikollok certi cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl u forsi wkoll il-vizwali ostakolata bid-dlam;

Kien jinkombi wkoll fuq iz-zewg konducenti li mhux biss jesploraw sew it-triq izda li mbaghad jaqilghu bil-mod minn fuq l-i*stop sign* biex jevitaw l-inaspettat. Il-fatt li *driver* "jifflikja" d-dawl tal-vettura tieghu biex jaghti speci ta' preavviz lil xi sewwieq iehor li hu ma jkunx ra ma jaghtihx b'daqshekk brevett ta' immunita` ghall kull imprudenza li jista' talvolta jikkommetti;

Fil-kaz in ezami jista' jigi kummentat addizzjonalment dan:-

i. In kwantu ghall-attur, kemm l-iskizz kif ukoll mid-deposizzjoni tieghu, il-posizzjoni tal-vettura tieghu hi ndikattiva li l-manuvra li ghamel meta hareg minn posizzjoni ma' genb vettura wieqfa fuq ix-xellug tieghu ma kienetx dik konsentita. Dan anke ghaliex b'hekk ukoll tkun naqqsitlu l-vizwali biex jara min kien gej mid-direzzjoni tat-triq utilizzata mill-konvenut;

ii. Kwantu ghall-konvenut, dan kellu l-obbligu li jaghti d-dritta fil-hrug lill-vettura ta' l-attur;

Huwa desumibbli minn dak kollu illi l-versjoni ta' l-attur ma kellhix tigi preferita ghal dik tal-konvenuta. It-tnejn kellhom id-dover li jieqfu, u johorgu biss meta kien jidher li ma kienx gej traffiku;

Anke jekk kellu jinghad li z-zewg *drivers* kienu qed josservaw ir-regolamenti, u fil-fatt waqqfu fuq, jew hdejn, l-i*stop sign* rispettiva taghhom, il-fatt jibqa' li z-zewg vetturi hargu mill-i*stop sign* prattikament simultanjament u kien dan li ta lok ghal habta u l-event dannuz;

Taghmel sens ghalhekk ukoll il-kostatazzjoni u l-konkluzjoni tal-perit legali fejn addossa htija ugwali ghall-incident;

Finalment irid jinghad illi hu principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna, u dan bhala konsiderazzjoni ta' dritt, illi hu dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, fejn ikollok htija kontributorja, illi tistabbilixxi l-proporzjon li fiha l-partijiet ikunu kkontribwew ghad-dannu;

Ediventement ma tezisti l-ebda regola fissa prestabilita` mil-ligi li tistabbilixxi l-proporzjon ghan-nofs jew ghal xi frazzjoni ohra. Kollox jiddependi mill-fattispeci partikolari f'kull kaz;

B'danakollu "tibqa' valida bhala massima prattika ta' bon sens li din il-Qorti applikat diversi drabi f'kawzi ta' danni, fis-sens illi '*it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally*" ("**Joseph Galdes -vs- Victor Micallef**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ssib liz-zewg kontendenti ugwalment fi htija ghall-kollizjoni li sehhet f'Rahal Gdid fis-7 ta' Mejju 1989 u b'hekk tikkundanna lill-konvenut jivversa lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' mitejn u

sitta u tmenin lira Maltija, tnejn u disghin centezmu (Lm286.92,0).

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ugwalment sopportati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------